# REGOLAMENT (UE) Nru 1236/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Diċembru 2010

## li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ("il-Konvenzjoni"), kienet approvata mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 81/608/KEE [3] u daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1982.

(2) Il-Konvenzjoni tipprovdi qafas xieraq għall-kooperazzjoni multilaterali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni razzjonali tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona definita mill-Konvenzjoni ("iż-Żona tal-Konvenzjoni").

(3) Il-Kummissjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ("NEAFC"), fil-Laqgħa Annwali tagħha li saret fil-15 ta' Novembru 2006, adottat rakkomandazzjoni li tistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar ("l-Iskema") applikabbli għall-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li jinsabu lil hinn mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti ("iż-Żona Regolatorja"). L-Iskema, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007, ġiet emendata minn diversi rakkomandazzjonijiet fil-Laqgħat Annwali f'Novembru 2007, 2008 u 2009.

(4) Skont l-Artikoli 12 u 15 tal-Konvenzjoni, dawn ir-rakkomandazzjonijiet daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Frar 2008, fis-6 u t-8 ta' Jannar 2009, u fis-6 ta' Frar 2010 rispettivament;

(5) L-Iskema tipprovdi għal miżuri ta' kontroll u nfurzar li japplikaw għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Partijiet Kontraenti u li jaħdmu fiż-Żona Regolatorja, u arranġamenti għal spezzjonijiet fuq il-baħar li jinkludu proċeduri ta' spezzjonar u sorveljanza u proċeduri kontra l-kontravenzjonijiet illi jridu jiġu implimentati mill-Partijiet Kontraenti.

(6) L-Iskema tipprovdi għal sistema ġdida għall-Kontroll mill-Istat tal-Port, li effettivament tagħlaq il-portijiet Ewropej għall-ħatt l-art ta' ħut iffriżat li ma jkunx ġie vverifikat li huwa legali mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Parti Kontraenti li ma tkunx l-Istat tal-Port.

(7) Ċerti dispożizzjonijiet ta' kontroll li ġew adottati min-NEAFC ġew ukoll inkorporati fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament annwali dwar it-TACs u l-kwoti, aktar reċentement bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid [4]. Għall-finijiet taċ-ċertezza legali, tali dispożizzjonijiet li mhumiex ta' natura temporanja għandhom ikunu is-suġġett ta' regolament ġdid separat.

(8) L-Iskema tinkludi wkoll dispożizzjonijiet għall-promozzjoni tal-konformità minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' Parti mhux Kontraenti mal-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li ġew adottati min-NEAFC. In-NEAFC għamlet rakkomandazzjoni għat-tneħħija ta' għadd ta' bastimenti mill-lista ta' bastimenti li ġew ikkonfermati bħala involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat. Għandha tiġi żgurata l-inklużjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet fil-liġi tal-Unjoni.

(9) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [5] jipprovdi li l-Istati Membri jikkontrollaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u jikkontrollaw attivitajiet barra l-ilmijiet tal-UE mwettqa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Għalhekk għandu jsir provvediment sabiex l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona Regolatorja jassenjaw spetturi għall-Iskema sabiex jieħdu ħsieb il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll riżorsi adegwati għall-ispezzjonar.

[1] Opinjoni tas-17 ta' Marzu 2010 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2010.
[3] ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21.
[4] ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.
[5] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(10) Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni, huwa meħtieġ illi l-Istati Membri jikkoperaw bejniethom u mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-entità ddeżinjata minnha għall-implimentazzjoni tal-Iskema.

(11) Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw illi l-ispetturi tagħhom jikkonformaw mal-proċeduri tal-ispezzjonar stabbiliti min-NEAFC.

(12) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward ta' regoli dettaljati dwar listi tar-riżorsi tas-sajd li għandhom jiġu notifikati, proċeduri għan-notifikazzjoni minn qabel tad-dħul fil-port u għall-kanċellazzjoni ta' dan kif ukoll awtorizzazzjoni biex il-bastimenti jħottu l-art jew jittrażbordaw. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'dak li għandu x'jaqsam mal-inklużjoni fil-liġi tal-Unjoni ta' emendi futuri ta' dawk il-miżuri tal-Iskema li jkunu s-suġġett ta' ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament definiti espressament u li jsiru jorbtu fuq l-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE. Skont dak l-Artikolu, għandhom jiġu stabbiliti bil-quddiem regoli u prinċipji ġenerali li jikkonċernaw mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat dak ir-regolament il-ġdid, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1] tibqa' tapplika, bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li ma tapplikax.

(14) Peress li dan ir-Regolament se jistabbilixxi regoli ġodda li jikkonċernaw il-kontroll u l-infurzar fiż-Żona tal-Konvenzjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 tas-16 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal [2] għandu jiġi revokat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni mill-Unjoni tal-Iskema adottata min-NEAFC.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Ħlief jekk jingħad mod ieħor, dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-UE kollha li jintużaw jew hemm il-ħsieb li jintużaw f'attivitajiet ta' sajd li jitwettqu fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona Regolatorja.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, kif emendata;

(2) "Żona tal-Konvenzjoni" tfisser iż-Żona tal-Konvenzjoni kif definita fl-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni;

(3) "Żona Regolatorja" tfisser l-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti;

(4) "Partijiet Kontraenti" tfisser il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni;

(5) "NEAFC" tfisser il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku;

(6) "attivitajiet tas-sajd" tfisser sajd, inkluż operazzjonijiet konġunti tas-sajd, operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-ħut, it-trażbord jew il-ħatt tal-ħut u ta' prodotti tal-ħut u kull attività kummerċjali oħra bi tħejjija għas-sajd jew li għandha x'taqsam miegħu;

(7) "riżorsi tas-sajd" tfisser ir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni;

(8) "riżorsi regolati" tfisser dawk ir-riżorsi tas-sajd li huma soġġetti għar-rakkomandazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u huma elenkati fil-lista fl-Anness;

(9) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment użat jew maħsub għall-użu fl-isfruttar kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inklużi bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut u bastimenti involuti fit-trażbord;

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[2] ĠU L 337, 30.12.1999, p. 1.

(10) "bastiment ta' Parti mhux Kontraenti" tfisser kwalunkwe bastiment tas-sajd mhux irreġistrat f'Parti Kontraenti, inkluži bastimenti li għalihom teżisti bażi raġjonevoli ta' suspetti li huma mingħajr nazzjonalità;

(11) "operazzjoni konġunta tas-sajd" tfisser kwalunkwe operazzjoni bejn żewġ bastimenti jew aktar fejn il-qabda titneħħa mill-irkaptu tas-sajd ta' bastiment tas-sajd għal bastiment ieħor;

(12) "operazzjoni ta' trażbord" tfisser il-ħatt ta' kwalunkwe prodott tas-sajd jew tal-prodotti kollha abbord bastiment għal fuq bastiment tas-sajd ieħor;

(13) "port" tfisser kwalunkwe post li jintuża għall-ħatt l-art, inkella post qrib ix-xatt, iddeżinjat minn Parti Kontraenti għall-finijiet tat-trażbord tar-riżorsi tas-sajd.

*Artikolu 4*

**Punti ta' kuntatt**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtorità kompetenti li għandha taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt li jirċievi r-rapporti ta' sorveljanza u spezzjoni skont l-Artikoli 12, 19, 20 u 27 u sabiex tirċievi n-notifiki u toħroġ l-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikoli 24 u 25.

2. Il-punti ta' kuntatt li jirċievu n-notifiki u joħorġu l-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikoli 24 u 25 għandhom ikunu disponibbli 24 siegħa kuljum.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni jew lill-entità nominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-e-Mail u n-numru tal-feks tal-punt ta' kuntatt iddeżinjat.

4. Kwalunkwe tibdil sussegwenti li ssir lill-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni inkella lill-entità nominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC, mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel il-bidla tidħol fis-seħħ.

5. Il-format għat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandu jkun stabbilit f'konformità mal-Artikolu 50(2).

KAPITOLU II

**MIŻURI TA' MONITORAĠĠ**

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, f'forma li tinqara mill-kompjuter, lista tal-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u reġistrati fl-Unjoni li huma awtorizzati li jistadu fiż-Żona Regolatorja, b'mod partikolari l-bastimenti awtorizzati li jistadu direttament għal waħda jew iktar mir-riżorsi regolati, flimkien ma' kwalunkwe emenda għal-lista. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena jew mhux aktar tard minn 5 ijiem qabel ma l-bastiment jidħol fiż-Żona Regolatorja. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC, mingħajr telf ta' żmien.

2. Il-format għat-trażmissjoni tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 6*

**Markar tal-irkaptu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irkaptu li jużaw il-bastiment tas-sajd tagħhom fiż-Żona Regolatorja huwa mmarkat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 356/2005 tal-1 ta' Marzu 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-immarikar u għall-identifikazzjoni ta' rkaptu tas-sajd passiv u tat-tkarkir bit-travu ([1]).

2. L-Istati Membri jistgħu ineħħu u jarmu rkaptu fiss li ma jkunx immarkat skont ir-Regolament (KE) Nru 356/2005 jew li bi kwalunkwe mod ieħor jikser ir-rakkomandazzjonijiet adottati min-NEAFC, kif ukoll kwalunkwe ħut li jinsab f'dak l-irkaptu.

*Artikolu 7*

**Irkupru ta' rkaptu mitluf**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandha tibgħat mingħajr dewmien lis-Segretarjat tan-NEAFC l-informazzjoni mogħtija lilha, skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 kif ukoll il-kodiċi tal-bastiment li jkun tilef l-irkaptu.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jirkupraw, fuq bażi regolari, irkaptu mitluf ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

*Artikolu 8*

**Reġistrazzjoni tal-qabdiet**

1. B'żieda mal-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([2]), il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għandhom jirreġistraw jew f'ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, bil-paġni nnumerati u llegati jew b'mezz elettroniku, u fih iniżżlu dan li ġej:

(a) kull dħul ġewwa, u ħruġ miż-Żona Regolatorja;

(b) fuq bażi ta' kuljum u/jew għal kull refgħa, stima tal-qabdiet kumulattivi miżmuma abbord mill-aħħar dħul fiż-Żona Regolatorja;

([1]) ĠU L 56, 2.3.2005, p. 8.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

(c) fuq bażi ta' kuljum u/jew għal kull refgħa, l-ammont ta' ħut mormi;

(d) minnufih wara kull komunikazzjoni skont l-Artikolu 9, id-data u l-ħin, skont il-Ħin Universali Kkordinat ("UTC"), tat-trasmissjoni ta' rapport u, fil-każ ta' trasmissjoni bir-radju, l-isem tal-istazzjon tar-radju li minnu jiġi trasmess ir-rapport;

(e) il-fond tas-sajd, fejn ikun xieraq.

2. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE involuti f'attivitajiet ta' sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi regolati u li jipproċessaw u/jew jiffriżaw il-qabda tagħhom għandhom:

(a) jirreġistraw il-produzzjoni kumulattivi skont l-ispeċijiet u l-forma tal-prodott f'ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni, u

(b) jaħżnu fl-istiva il-qabdiet ipproċessati kollha b'tali mod li mill-pjan tal-istivi miżmum abbord il-bastiment tas-sajd, jista' jiġi identifikat il-post fejn kull speċi tkun maħżuna.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligu tar-reġistrazzjoni f'ġurnal ta' abbord dwar is-sajd jew elettronikament, bastiment li jkun involut f'operazzjonijiet ta' trażbord li jgħabbi kwantitajiet abbord.. Bastimenti li jgawdu minn din id-deroga għandhom jispeċifikaw fil-pjan tal-istivi, il-post fl-istivi fejn jinsab il-ħut iffriżat imsemmi fl-Artikolu 14(1) u jirreġistraw fil-ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni:

(a) id-data u l-ħin, skont l-UTC, tat-trażmissjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 9;

(b) fil-każ ta' trażmissjoni bir-radju, l-isem tal-istazzjon tar-radju li permezz tiegħu twassal ir-rapport;

(c) id-data u l-ħin, skont l-UTC, tal-operazzjoni tat-trażbord;

(d) il-post (lonġitudni/latitudni) tal-operazzjoni tat-trażbord;

(e) il-kwantitajiet ta' kull speċi mgħobbija;

(f) l-isem u l-kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment tas-sajd li minnu tniżżlet il-qabda.

4. Għandhom jiġu ddeterminati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 9*

**Rappurtar tal-qabdiet ta' riżorsi regolati**

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE involuti f'attivitajiet ta' sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi regolati, għandhom jikkomunikaw ir-rapporti dwar il-qabdiet permezz ta' mezzi elettroniċi liċ-Ċentru tagħhom tal-Monitoraġġ tas-Sajd, kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Id-data li tinsab f'tali rapporti għandha tkun aċċessibbli għall-Kummissjoni meta titlobha. Ir-rapporti għandhom jinkudu dan li ġej:

(a) rapporti dwar il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord mad-dħul fiż-Żona Regolatorja. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu trażmessi mhux iktar kmieni minn 12-il siegħa u mhux iktar tard minn sagħtejn (2) qabel kull dħul fiż-Żona Regolatorja;

(b) rapporti fuq il-qabdiet ta' kull ġimgħa. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu trażmessi għall-ewwel darba sa mhux iktar tard mit-tmiem tas-seba' jum wara d-dħul tal-bastiment fiż-Żona Regolatorja jew meta l-vjaġġi tas-sajd jieħdu iktar minn 7 ijiem, mhux aktar tard mit-Tnejn f'nofsinhar għal dawk il-qabdiet tal-ħut li jkunu ttellgħu miż-Żona Regolatorja matul il-ġimgħa ta' qabel li tagħlaq f'nofs il-lejl tal-jum tal-Ħadd. Dan ir-rapport għandu jinkludi l-għadd ta' jiem tas-sajd mill-bidu tal-attivitajiet tas-sajd, inkella mill-aħħar rapport dwar il-qabdiet;

(c) rapporti dwar il-qabdiet miżmuma abbord mal-ħruġ miż-Żona Regolatorja. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu trażmessi mhux iktar kmieni minn 8 sigħat u mhux iktar tard minn sagħtejn (2) qabel kull ħruġ miż-Żona Regolatorja. Fejn ikun xieraq, tali rapporti għandhom jinkludu l-għadd ta' jiem tas-sajd u l-qabdiet li saru fiż-Żona Regolatorja mill-bidu tas-sajda, jew mill-aħħar rapport dwar il-qabdiet;

(d) rapporti dwar il-kwantitajiet ta' ħut mgħobbija u maħtuta għal kull trażbord tal-ħut fil-perjodu li fih il-bastiment kien preżenti fiż-Żona Regolatorja. Bastimenti donaturi għandhom jagħmlu dan ir-rapport mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel it-trażbord, u l-bastimenti riċevituri għandhom jagħmluh mhux aktar tard minn siegħa wara t-trażbord. Ir-rapport għandu jinkludi d-data, il-ħin u l-pożizzjoni ġeografika tat-trażbord ippjanat u l-piż totali għal kull speċi li jkun se jiġi skarikat jew li jkun tgħabba f'kilogrammi u l-kodiċi tal-bastimenti donaturi u riċevituri. Minħajr preġudizzju għall-Kapitolu IV, il-bastiment riċevitur għandu jirrapporta l-qabda totali abbord, il-piż totali li għandu jinħatt, l-isem tal-port u d-data u ħin stmati tal-ħatt l-art mhux inqas minn 24 siegħa qabel kwalunkwe ħatt l-art.

2. Ir-rapporti dwar il-qabdiet msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jingħataw f'kilogrammi (miġjuba għall-eqreb 100 kg). Il-piż totali sħiħ għandu jiġi rrapurtat skont l-ispeċi, bl-użu tal-kodiċijiet tal-FAO. Il-kwantità totali ta' speċijiet li għalihom il-piż totali skont l-ispeċi huwa anqas minn tunnellata jista' jiġi rreġistrat skont il-kodiċi 3-alpha MZZ (ħut tal-baħar mhux speċifikat).

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-data misjuba fir-rapporti dwar il-qabdiet fid-database imsemmija fl-Artikolu 109(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

4. Ir-regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat dan l-Artikolu u b'mod partikolari l-format u l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 10*

**Rappurtaġġ globali tal-qabdiet tal-ħut u tal-isforz tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, permezz ta' trażmissjoni bil-kompjuter qabel il-ħmistax-il jum ta' kull xahar, bil-kwantitajiet tar-riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona Regolatorja minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, illi jkunu nħattu l-art jew ġew trażbordati fix-xahar ta' qabel.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu wkoll lill-Kummissjoni, permezz ta' trażmissjoni bil-kompjuter qabel il-ħmistax-il jum ta' kull xahar, dwar il-kwantitajiet tar-riżorsi regolati maqbuda f'żoni taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali dwar is-sajd ta' pajjiżi terzi u fl-ilmijiet tal-UE taż-Żona tal-Konvenzjoni minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, illi jkunu nħattu l-art jew ġew trażbordati fix-xahar ta' qabel.

3. Il-format għat-trażmissjoni tad-data skont il-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 50(2).

Il-lista tar-riżorsi tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi adottata skont il-proċedura msemmija fl-Artikoli 46 sa 49.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkompila d-data li tissemma fil-paragrafi 1 u 2 għall-Istati Membri kollha u għandha tibgħatha lis-Segretarju tan-NEAFC fi żmien 30 jum mit-tmiem tax-xahar kalendarju li fih il-qabdiet ikunu nħattu l-art jew ġew ittrażbordati.

*Artikolu 11*

**Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw t-trażmissjoni awtomatika u elettronika lis-Segretarju tan-NEAFC tal-informazzjoni miksuba bis-sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) rigward il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dawn l-Istati u li jistadu jew biħsiebhom jistadu fiż-Żona Regolatorja. Il-format u l-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn it-trażmissjonijiet għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 12*

**Komunikazzjoni tal-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-rapporti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 9 u 11 mingħajr dewmien lis-Segretarjat tan-NEAFC. Madankollu, fil-każ ta' problema teknika, dawn ir-rapporti u l-informazzjoni għandhom jiġu trażmessi lis-Segretarju tan-NEAFC fi żmien 24 siegħa mill-wasla. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti u l-messaġġi kollha li jgħaddu jkunu nnumerati sekwenzjalment.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti u l-informazzjoni trażmessa lis-Segretarju tan-NEAFC jkunu fi qbil mal-formati u l-protokolli għall-iskambju tad-data ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 13*

**Trażbordi u operazzjonijiet konġunti tas-sajd**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE għandhom jidħlu biss għal attivitajiet ta' trażbordar fiż-Żona Regolatorja jekk ikunu rċevew awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE jistgħu jidħlu għal operazzjonijiet tat-trażbord jew operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti u bastimenti ta' Parti Mhux Kontraenti li jkunu ngħataw l-istatus ta' Parti Mhux Kontraenti li tikkoopera, min-NEAFC.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE involuti f'operazzjonijiet tat-trażbord, li jgħabbu abbord kwantitajiet ta' qabdiet, m'għandhomx ikunu involuti f'attivitajiet oħra ta' sajd, fosthom operazzjonijiet konġunti ta' sajd, matul l-istess vjaġġ, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar tal-ħut u tal-ħatt l-art.

*Artikolu 14*

**Stivar separat**

1. Bastimenti tas-sajd tal-UE li jġorru abbord riżorsi ffriżati tas-sajd maqbuda fiż-żona tal-Konvenzjoni minn aktar minn bastiment tas-sajd wieħed, jistgħu jistivaw il-ħut minn kull wieħed minn dawk il-bastimenti f'aktar minn parti waħda mill-istiva, iżda għandhom iżommuhom separati b'mod ċar minn ħut maqbud minn bastimenti oħra, partikolarment permezz tal-użu tal-plastik, plywood jew xbieki.

2. Il-qabdiet kollha meħuda miż-Żona tal-Konvenzjoni għandhom jiġu stivati separatament mill-qabdiet kollha meħuda barra minn din iż-żona.

*Artikolu 15*

**Ttikkettar tal-ħut iffriżat**

Meta jiġi ffriżat, il-ħut kollu maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni għandu jiġi identifikat b'tikketta jew timbru li jistgħu jinqraw b'mod ċar. It-tikketta jew it-timbru għandhom jitqiegħdu fuq kull kaxxa jew blokka ta' ħut iffriżat fil-ħin tal-istivar u, għandhom jindikaw l-ispeċi, id-data tal-produzzjoni, is-subżona u d-diviżjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) li fiha nqabad il-ħut, u l-bastiment li qabdu.

KAPITOLU III

**SPEZZJONIJIET FUQ IL-BAĦAR**

*Artikolu 16*

**Spetturi tan-NEAFC**

1. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati li jistadu fiż-Żona Regolatorja għandhom jassenjaw spetturi għall-Iskema sabiex iwettqu sorveljanza u spezzjoni ("Spetturi tan-NEAFC").

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu dokument speċjali tal-identità lil kull spettur tan- NEAFC. L-għamla ta' dan id-dokument speċjali ta' identità għandha tkun stabbilita f'konformità mal-Artikolu 50(2).

3. Kull spettur tan-NEAFC għandu jġorr u juri dan id-dokument speċjali tal-identità meta jimbarka fuq bastiment tas-sajd.

*Artikolu 17*

**Dispożizzjonijiet ġenerali għall-ispezzjoni u għas-sorveljanza**

1. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tikkoordina l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għall-Unjoni u kull sena għandha tħejji, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, pjan ta' mobilitazzjoni konġunta għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Iskema matul is-sena ta' wara. Il-pjan ta' mobilitazzjoni għandu, inter alia, jiddetermina l-għadd ta' spezzjonijiet li għandhom isiru.

Meta, fi kwalunkwe ħin, ikun hemm iktar minn għaxar bastimenti tas-sajd tal-UE involuti f'attivitajiet tas-sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi regolati tal-ħut fiż-Żona Regolatorja, il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tiżgura li bastiment ta' spezzjoni ta' Stat Membru jkun preżenti matul dak il-ħin fiż-Żona Regolatorja jew li jkun ġie konkluż ftehim ma' Parti Kontraenti oħra li jiżgura l-preżenza ta' bastiment ta' spezzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet mill-ispetturi tan-NEAFC tagħhom isiru b'mod mhux diskriminatorju u f'konformità mal-Iskema. L-għadd ta' spezzjonijiet għandu jkun abbażi tad-daqs, b'konsiderazzjoni għall-ħin li l-bastimenti tas-sajd jqattgħu fiż-Żona Regolatorja.

3. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tfittex li tiżgura, permezz ta' tqassim ekwu tal-ispezzjonijiet, trattament ugwali tal-Partijiet Kontraenti kollha mal-bastimenti li joperaw fiż-Żona Regolatorja permezz ta' tqassim ġust ta' spezzjonijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi sabiex jiżguraw li l-ispetturi tan-NEAFC minn Partijiet Kontraenti oħrajn jitħallew iwettqu spezzjonijiet abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

5. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom jevitaw l-użu tal-forza, għajr fil-każ ta' difiża leġittima. Meta jkunu qegħdin iwettqu spezzjonijiet abbord bastimenti tas-sajd, l-ispetturi tan-NEAFC m'għandhomx iġorru armi tan-nar. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward il-projbizzjoni tal-użu tal-forza.

6. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom jevitaw li joħolqu kwalunkwe inkonvenjenza lill-bastiment tas-sajd jew li jinterferixxu fl-attivitajiet tiegħu u l-qabda miżmuma abbord, ħlief meta u sal-punt meħtieġ biex iwettqu dmirijiethom.

*Artikolu 18*

**Mezzi biex titwettaq spezzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-ispetturi tan-NEAFC tagħhom il-mezzi adegwati biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' sorveljanza u ta' spezzjoni tagħhom. Għal dan l-iskop, huma għandhom jassenjaw bastimenti u inġenji tal-ajru għall-Iskema.

2. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tibgħat lis-Segretarju tan-NEAFC qabel l-1 ta' Jannar kull sena, id-dettalji tal-pjan flimkien mal-ismijiet tal-ispetturi tan-NEAFC u tal-bastimenti speċjali ta' spezzjoni, kif ukoll it-tipi ta' inġenji tal-ajru u d-dettalji tal-identifikazzjoni tagħhom (in-numru ta' reġistrazzjoni, l-isem, is-sinjal tar-radju) li l-Istati Membri jassenjaw għall-Iskema matul dik is-sena. Fejn ikun xieraq, din l-informazzjoni għandha tittieħed mil-lista ta' spetturi msemmija fl-Artikolu 79(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Istati Membri għandhom jibagħtu t-tibdil għal din il-lista lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, li min-naħa tagħha għandha tgħaddihom lis-Segretarju tan-NEAFC u lill-Istati Membri l-oħra xahar qabel ma l-bidliet ikollhom jidħlu fis-seħħ.

3. Kwalunkwe bastiment assenjat għall-Iskema u li jġorr spetturi tan-NEAFC, kif ukoll l-inġenju għat-tlugħ abbord, mobilizzat minn dak il-bastiment, għandu juri s-sinjal speċjali ta' spezzjoni tan-NEAFC, sabiex jindika li l-ispetturi tan-NEAFC abbord jistgħu iwettqu dmirijiet ta' spezzjoni f'konformità mal-Iskema. Inġenji tal-ajru assenjati mal-Iskema juru b'mod ċar il-kodiċi tagħhom tar-radju. Il-forma tal-kodiċi speċjali għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 50(2).

4. Għal kull bastimenti u jew inġenji tal-ajru ta' spezzjoni tal-Unjoni assenjat għall-Iskema, il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha żżomm reġistru tad-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tad-dmirijiet tagħhom taħt l-Iskema kif stipulat fil-forma ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 19*

**Proċedura ta' sorveljanza**

1. Is-sorveljanza għandha tkun ibbażata fuq avvistamenti tal-bastimenti tas-sajd mill-ispetturi tan-NEAFC minn bastiment jew minn inġenji tal-ajru assenjati għall-Iskema. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom iressqu kopja ta' kull rapport ta' avvistament għal kull bastiment mingħajr dewmien permezz ta' trażmissjoni elettronika, fil-forma stabbilita f'konformità mal-Artikolu 50(2) lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat, lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC. Kopja fiżika ta' kull rapport ta' avvistament u kwalunkwe ritratt għandhom jitressqu, fuq talba lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat.

2. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom jirreġistraw l-avvistamenti f'rapport ta' sorveljanza permezz ta' formola stabbilita f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 20*

**Proċedura ta' spezzjoni**

1. L-ispetturi tan-NEAFC m'għandhom jimbarkaw ebda bastiment tas-sajd mingħajr ma jkun ġie trażmess avviż minn qabel bir-radju lil dak il-bastiment jew mingħajr ma dak il-bastiment ikun ingħata s-sinjal xieraq permezz tas-Sinjal tal-Kodiċi Internazzjonali, inkluż l-identità tal-pjattaforma ta' spezzjoni; madankollu, m'għandux ikun meħtieġ li jkun hemm għarfien tal-wasla ta' tali avviż.

2. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom ikunu awtorizzati illi jeżaminaw iż-żoni, il-gverti u l-kmamar kollha rilevanti tal-bastiment tas-sajd, il-qabdiet (sewwa jekk ipproċessati u sewwa jekk le), ix-xbieki u rkaptu ieħor, it-tagħmir u d-dokumenti kollha rilevanti meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-osservanza mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' mmaniġġar adottati min-NEAFC u li jagħmlu mistoqsijiet lill-kaptan jew lill-persuna ddeżinjata minnu.

3. Il-bastiment tas-sajd li jkun se jiġi imbarkat ma għandux ikollu għalfejn jieqaf jew jimmanuvra jekk ikun qiegħed jistad, ikala jew jerfa' l-qabda. L-ispetturi tan-NEAFC jistgħu jordnaw l-interruzzjoni jew l-ittardjar fl-irfih tal-irkaptu tas-sajd sakemm ikunu imbarkaw il-bastiment iżda fi kwalunkwe każ ma jistgħux jagħmlu dan iktar minn 30 minuta wara li l-bastiment tas-sajd ikun irċieva s-sinjal imsemmi fil-paragrafu 1.

4. L-kaptani tal-pjattaformi ta' spezzjoni għandhom jiżguraw li jimmanuvraw f'distanza sikura mill-bastimenti tas-sajd skont prinċipji tajba tat-tbaħħir.

5. L-ispetturi tan-NEAFC jistgħu jagħtu struzzjonijiet lil bastiment tas-sajd biex jittardja d-dħul tiegħu fiż-Żona Regolatorja, jew il-ħruġ minnha għal massimu ta' sitt siegħat mill-ħin tat-trażmissjoni mill-bastiment tas-sajd tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 9(1)(a) u (c).

6. L-ispezzjoni m'għandhiex tieħu aktar minn 4 siegħat, jew il-ħin meħtieġ biextintrefa' x-xibka u jiġu spezzjonati x-xibka u l-qabda, skont liema ddum l-aktar. Fil-każ li jinsab xi ksur, l-ispetturi tan-NEAFC jistgħu jibqgħu abbord għall-perjodu taż-żmien meħtieġ sabiex jitlestew il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 29(1)(b).

7. Iżda, f'ċirkostanzi speċjali, marbuta mad-daqs tal-bastiment tas-sajd u l-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord, it-tul taż-żmien ta' spezzjonati jista' jaqbeż il-perjodi taż-żmien stipulati fil-paragrafu 6. F'sitwazzjoni bħal din, l-ispetturi tan-NEAFC ma għandhom fl-ebda cirkustanza jibqgħu abbord il-bastiment tas-sajd aktar mill-ħin meħtieġ biex itemmu l-ispezzjoni tagħhom. Ir-raġunijiet għall-qbiż tal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 6 għandhom ikunu rreġistrati fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fil-paragrafu 9.

8. M'għandhomx jitilgħu aktar minn żewġ spetturi tan-NEAFC assenjati minn xi Stati Membru abbord bastiment tas-sajd ta' Parti Kontraenti oħra. Huma u jwettqu l-ispezzjoni tagħhom, l-ispetturi tan-NEAFC jistgħu jitolbu lill-kaptan għal kwalunkwe għajnuna li jistgħu jeħtieġu. L-ispetturi tan-NEAFC m'għandhomx jindaħlu mal-kapaċità tal-kaptan li jikkomunika mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera matul it-tlugħ abbord u l-ispezzjoni.

9. Kull spezzjoni għandha tkun iddokumentata permezz tal-ikkompletar ta' rapport ta' spezzjoni fil-format stabbilit f'konformità mal-Artikolu 50(2). Il-kaptan jista' jżid il-kummenti tiegħu fuq ir-rapport ta' spezzjoni li għandu jiġi ffirmat mill-ispetturi fi tmiem l-ispezzjoni. Għandha tingħata kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd. Kopja ta' kull rapport ta' spezzjoni għandha tiġi trażmessa mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni, jew lill-entità nnominata minnha. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tibagħt il-kopja minnufih lis-Segretarju tan-NEAFC. L-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' kull rapport ta' spezzjoni għandu jintbagħat fuq talba lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat.

*Artikolu 21*

**Obbligu tal-kaptan tal-bastimenti matul il-proċedura ta' spezzjoni**

Il-kaptan ta' basiment tas-sajd għandu:

(a) jiffaċilita l-imbark u l-iżbark, minnufih u b'mod sikur, skont l-ispeċifikazzjonijiet adottati f'konformità mal-Artikolu 50(2);

(b) jikkoopera ma' u jgħin fl-ispezzjoni tal-bastiment tas-sajd magħmul skont dan ir-Regolament, u ma għandux ifixkel, jintimida jew jindaħal fix-xogħol tal-ispetturi tan-NEAFC fit-twettiq ta' dmirijiethom u għandu jiżgura s-sikurezza tagħhom;

(c) jippermetti li l-ispetturi tan-NEAFC jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera u mal-Istat tal-ispezzjoni;

(d) jipprovdi aċċess għal kwalunkwe żona, gverta u kamra tal-bastiment, qabda (ipproċessata jew le), xibka u rkaptu ieħor, tagħmir, u għal kwalunkwe tagħrif jew dokumenti li l-ispetturi tan-NEAFC iqisu li jkunu meħtieġa skont l-Artikolu 20(2);

(e) jipprovdi kopji tad-dokumenti kif meħtieġ mill-ispetturi tan-NEAFC; and

(f) jipprovdi lill-ispetturi tan-NEAFC b'faċilitajiet raġjonevoli, inklużi, fejn xieraq, ikel u akkommodazzjoni meta jibqgħu abbord il-bastiment skont l-Artikolu 32(3).

KAPITOLU IV

**KONTROLL MILL-ISTAT TAL-PORT TA' BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' PARTI KONTRAENTI OĦRA**

*Artikolu 22*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat [1], id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-ħatt l-art jew it-trażbord fil-portijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' riżorsi tal-ħut iffriżat wara li jkunu nqabdu fiż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra.

[1] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

*Artikolu 23*

**Portijiet dežinjati**

L-Istati Membri għandhom jagħżlu u jinnotifikaw lill-Kummissjoni portijiet fejn il-ħatt l-art jew it-trażbord ta' riżorsi tal-ħut iffriżati wara li jkunu nqabdu fiż-Zona tal-Konvenzjoni minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra jkunu permessi. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lis-Segretarju tan-NEAFC dwar dawn il-portijiet u bi kwalunkwe tibdil li jsir fil-lista ta' portijiet dežinjati għallinqas ħmistax-il jum qabel ma jidħol fis-seħħ it-tibdil.

Il-ħatt l-art u t-trażbord ta' ħut iffriżat wara li jkun inqabad fiż-żona tal-Konvenzjoni minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra għandhom jitħallew jidħlu biss f'portijiet iddežinjati.

*Artikolu 24*

**Notifika minn qabel dwar id-dħul fil-port**

1. F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, meta l-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkun qed iġorr ħut imsemmi fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, ikun biħsiebu jidħol f'port biex iħott jew jittrażborda l-ħut, il-kaptan tal-bastiment, jew ir-rappreżentant tiegħu, għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port li jixtieq juża mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol qabel il-ħin stmat tal-wasla.

Madankollu, Stat Membru jista' jipprovdi għal perjodu ieħor ta' notifika, filwaqt li jqis, b'mod partikolari, id-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-portijiet tiegħu. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu, mingħajr dewmien, jinforma b'dan lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC.

2. Il-kaptani jew ir-rappreżentanti tagħhom jistgħu jħassru notifika minn qabel billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-port li jixtiequ jużaw għallinqas 24 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla f'dak il-port. In-notifika għandha jkollha magħha kopja tal-formola tan-notifika oriġinali bil-kelma "IMĦASSRA" miktuba minn naħa sa oħra tagħha.

Madankollu, Stat Membru jista' jipprovdi għal perjodu ta' notifika ieħor għat-tħassir. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu, mingħajr dewmien, jinforma b'dan lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandu jibgħat kopja tan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, u lill-Istat(i) tal-bandiera tal-bastimenti donaturi meta l-bastiment tas-sajd kien involut f'operazzjonijiet ta' trażbord. Kopja tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tintbagħat ukoll mingħajr dewmien lis-Segretarju tan-NEAFC.

4. Il-format u l-ispeċifikazzjonijiet tan-notifiki għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 50(2).

Safejn meħtieġ, regoli dettaljati ulterjuri dwar il-proċeduri ta' notifika u ta' kanċellazzjoni fil-qafas ta' dan l-Artikolu, inklużi perjodi, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 46 sa 49.

*Artikolu 25*

**Awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art u t-trażbord**

1. L-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun beħsiebu jħott l-art jew jittrażborda, jew fejn il-bastiment tas-sajd kien involut f'operazzjonijiet tat-trażbord barra l-ilmijiet tal-UE, l-Istat tal-bandiera jew l-Istati tal-bastimenti donaturi, għandhom, billi jirritornaw kopja tan-notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 24 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port, jikkonfermaw li:

(a) il-bastiment tas-sajd li ddikjara li qabad il-ħut kellu kwota suffiċjenti għall-ispeċijiet iddikjarati;

(b) il-kwantitajiet ta' ħut abbord ġew rappurtati u tqiesu kif suppost għall-kalkolu ta' kwalunkwe limitazzjoni tal-qbid jew tal-isforz li jista' jkun applikabbli;

(c) il-bastiment tas-sajd li ddikjara li qabad il-ħut kellu l-awtorizzazzjoni li jistad fiż-żoni ddikjarati;

(d) il-preżenza tal-bastiment tas-sajd fiż-żona tal-qabda ddikjarata ġiet ivverifikata skont id-data VMS.

2. L-operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew trażbord jistgħu jibdew biss wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk tkun waslet il-konferma mill-Istat tal-bandiera, kif jissemma fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port jistgħu jawtorizzaw l-ħatt l-art kollu jew parti minnu fl-assenza tal-konferma msemmija fil-paragrafu 1 iżda f'każijiet bħal dawn iżommu l-ħut ikkonċernat maħżun taħt il-kontroll tagħhom. Il-ħut jista' jiġi biss irrilaxxat għall-bejgħ, għall-għoti jew għat-trasport ladarba tkun waslet il-konferma msemmija fil-paragrafu 1. Jekk il-konferma ma tasalx fi żmien 14-il jum wara l-ħatt l-art, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port jistgħu jikkonfiskaw u jiddisponu mill-ħut skont ir-regoli nazzjonali.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-kaptan dwar id-deċiżjoni tagħhom li jawtorizzaw jew le il-ħatt l-art jew it-trażbord u għandhom jinfurmaw b'dan lis-Segretarju tan-NEAFC.

5. Regoli dettaljati dwar l-awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art jew it-trażbord skont dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura stipulata fl-Artikoli 46 sa 49.

*Artikolu 26*

**Spezzjonijiet tal-Port**

1. Kull Stat Membru għandu jwettaq spezzjonijiet fuq mhux inqas minn 15 % tal-kwantitajiet li jinħattu jew li jiġu ttrażbordati fil-portijiet tiegħu matul kull sena ta' rappurtar.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jinvolvu l-monitoraġġ tal-iskariku kollu jew tat-trażbord u għandhom jinkludu kontroverifiki bejn il-kwantitajiet irreġistrati skont l-ispeċi fin-notifika preċedenti tal-ħatt l-art u l-kwantitajiet li jinħattu l-art jew li jiġu ttrażbordati, skont l-ispeċi. Meta l-ħatt jew it-trażbord ikun tlesta, l-ispettur għandu jivverifika u jinnota l-kwantitajiet ta' ħut, skont l-ispeċi, li jibqgħu abbord.

3. L-ispetturi nazzjonali għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli sabiex jevitaw illi bastiment idewmuh iżżejjed u jiżguraw li l-bastiment ibati l-minimu ta' interferenza u inkonvenjenza u li tiġi evitata d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħut.

4. L-Istat Membru tal-port jista' jistieden spetturi minn Partijiet Kontraenti oħra sabiex jakkumpanjaw l-ispetturi tagħhom u josservaw l-ispezzjoni tal-operazzjonijiet tal-ħatt jew tat-trażbord tar-riżorsi tas-sajd maqbuda minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra.

*Artikolu 27*

**Rapporti tal-ispezzjoni**

1. Kull spezzjoni għandha tkun iddokumentata permezz tal-ikkompletar ta' rapport ta' spezzjoni permezz tal-formola stabbilita f'konformità mal-Artikolu 50(2).

2. Il-kaptan jista' jżid il-kummenti tiegħu mar-rapport ta' spezzjoni li għandu jiġi ffirmat mill-ispettur u mill-kaptan fi tmiem l-ispezzjoni. Għandha tingħata kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd.

3. Kopja ta' kull rapport ta' spezzjoni għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat, lill-Istat(i) tal-bandiera tal-bastimenti donaturi fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet ta' trażbord, lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u lis-Segretarju tan-NEAFC. L-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' kull rapport ta' spezzjoni għandu jintbagħat fuq talba lill-Istat tal-Bandiera tal-bastiment spezzjonat.

KAPITOLU V

**KSUR**

*Artikolu 28*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u għar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għal bastimenti tas-sajd tal-UE u għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra użati, jew li hemm ħsieb li jintużaw f'attivitajiet ta' sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi tas-sajd fiż-Żona Regolatorja.

*Artikolu 29*

**Proċeduri ta' ksur**

1. Meta l-ispetturi jsibu li hemm bażijiet ċari sabiex jemmnu illi bastiment tas-sajd inqabad f'attività kuntrarja għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' mmaniġġar adottati min-NEAFC, huma għandhom:

(a) jirrekordjaw il-ksur fir-rapport imsemmi fl-Artikoli 19(2), 20(9) jew 27;

(b) jieħdu l-miżuri kolha meħtieġa sabiex jiżguraw is-sigurtà u l-kontinwità tal-evidenza. Għandha tiġi mwaħħla fis-sod marka ta' identifikazzjoni ma' kull parti tal-irkaptu tas-sajd illi tidher waqt l-ispezzjoni li tmur jew li marret kontra l-miżuri applikabbli;

(c) jippruvaw immedjatament jikkomunikaw ma' spettur jew mal-awtorità ddeżinjata tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat;

(d) jittrażmettu r-rapport ta' spezzjoni minnufih lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha.

2. L-Istat Membru li jwettaq l-ispezzjoni għandu jikkomunika bil-miktub id-dettalji tal-ksur lill-awtorità nnominata tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u, kull meta jkun possibbli, għandu jagħmel dan matul l-ewwel jum tax-xogħol wara l-bidu tal-ispezzjoni.

3. L-Istat Membru li jwettaq l-ispezzjoni għandu jibgħat mingħajr dewmien l-oriġinali tar-rapport ta' sorveljanza jew ta' spezzjoni flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat, kif ukoll kopja lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, li mbagħad tgħaddi kopja lis-Segretarju tan-NEAFC.

*Artikolu 30*

**Azzjoni ta' segwitu fil-każ ta' ksur**

1. Meta Stat Membru jiġi mgħarraf minn Parti Kontraenti oħra jew minn Stat Membru ieħor dwar ksur minn bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, dan l-Istat għandu jieħu azzjoni fil-pront skont il-liġijiet nazzjonali tiegħu billi jikseb u jeżamina l-evidenza u jissokta bl-investigazzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa sabiex tittieħed azzjoni ta' segwitu għall-ksur u, kulfejn possibbli, jispezzjona l-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom jirċievu l-evidenza dwar il-ksur u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha dwar l-indirizz ta' dawk l-awtoritajiet u bi kwalunkwe bidla f'din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha sussegwentament għandha tgħaddi l-informazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC.

*Artikolu 31*

**Ksur serju**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tipi ta' ksur li ġejjin għandhom jitqiesu bħala serji:

(a) sajd mingħajr awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat tal-bandiera;

(b) sajd mingħajr kwota jew wara li din tkun ġiet eżawrita;

(c) l-użu ta' rkaptu pprojbit tas-sajd;

(d) nuqqasijiet serji fir-reġistrazzjoni tal-qabdiet tal-ħut;

(e) nuqqasijiet ripetuti ta' konformità mal-Artikoli 9 jew 11;

(f) ħatt l-art jew trażbord f'port mhux iddeżinjat f'konformità mal-Artikolu 23;

(g) nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 24;

(h) ħatt jew trażbord mingħajr awtorizzazzjoni tal-Istat tal-port kif imsemmi fl-Artikolu 25;

(i) żamma ta' spettur mit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

(j) sajd dirett għal stokk li huwa suġġett għal moratorju jew li s-sajd tiegħu huwa pprojbit;

(k) falsifikazzjoni jew ħabi tal-marki, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;

(l) il-ħabi, tbagħbis jew twarrib ta' evidenza li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni;

(m) vjolazzjonijiet multipli li flimkien jikkostitwixxu indifferenza serja tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni;

(n) involviment f'operazzjonijiet ta' trażbord jew ta' sajd konġunt ma' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li ma jkunux ingħataw l-istatus ta' Parti Mhux Kontraenti li tikkoopera min-NEAFC;

(o) ifornu provvisti, karburant jew servizzi oħra lil bastimenti li jkunu tqiegħdu fuq il-listi msemmija fl-Artikolu 44.

*Artikolu 32*

**Azzjoni ta' segwitu f'każijiet ta' ksur serju**

1. Jekk spettur iqis li jeżistu raġunijiet ċari biex wieħed jemmen li bastiment tas-sajd wettaq ksur serja skont l-Artikolu 31, dak l-ispettur għandu jinnotifika minnufih dik l-ksur lill-Kummissjoni, inkella lill-entità nnominata minnha, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat u lill-Istat(i) tal-bandiera ta' bastimenti donaturi fejn il-bastiment spezzjonat kien involut f'operazzjonijiet ta' trażbord, skont l-Artikolu 29(3), u għandu wkoll jittrażmetti kopja lis-Segretarju tan-NEAFC.

2. Sabiex ma titħassarx l-evidenza, l-ispetturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura s-sigurtà u l-kontinwità tagħha filwaqt li jimminimizza l-inkonvenjenza lill-bastiment u l-interferenza fix-xogħol tiegħu.

3. L-ispettur għandu jkun intitolat jibqa' abbord il-bastiment tas-sajd għall-perjodu meħtieġ sabiex jipprovdi inforamzzjoni dwar il-ksur lill-ispettur awtorizzat kif xieraq, imsemmi fl-Artikolu 33, jew sakemm jirċievi tweġiba mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jitlob lill-ispettur biex jitlaq minn fuq il-bastiment tas-sajd.

*Artikolu 33*

**Azzjoni ta' segwitu f'każijiet ta' ksur serju minn bastiment tas-sajd tal-UE**

1. L-Istati Membri tal-Bandiera għandhom jirrispondu għannotifika msemmija fl-Artikolu 32(1) mingħajr dewmien u għandhom jiżguraw li l-bastiment tas-sajd ikkonċernat jiġi spezzjonat fi żmien 72 siegħa minn spettur awtorizzat kif jixraq f'dak li jirrigwarda l-ksur. L-ispettur awtorizzat kif xieraq għandu jitla' abbord il-bastiment involut u jeżamina l-evidenza tal-ksur suspettat, stabbilita minn spettur, u jibgħat mill-aktar fis ir-riżultati tal-eżami lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha.

2. Wara n-notifika tar-riżultati tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom, jekk l-evidenza titlob hekk, jesiġu li l-bastiment tas-sajd jipproċedi immedjatament, u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa, f'port iddeżinjat minn dak l-Istat Membru tal-bandiera, għal spezzjoni bir-reqqa taħt l-awtorità tagħha.

3. L-Istat Membru tal-bandiera jista' jawtorizza lill-Istat Membru li jispezzjona sabiex idaħħal il-bastiment tas-sajd mingħajr dewmien f'port magħżul mill-Istat Membru tal-bandiera.

4. Jekk il-bastiment tas-sajd ma jissejjaħx biex jidħol fil-port, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni xierqa mingħajr dewmien żejjed lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u lill-Istat li jispezzjona. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tgħaddi din il-ġustifikazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC.

5. Meta bastiment huwa meħtieġ li jipproċedi f'port għal spezzjoni bir-reqqa skont il-paragrafi 2 jew 3, spettur tan-NEAFC minn Parti Kontraenti oħra jista', bil-kunsens tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, jimbarka u jibqa' abbord il-bastiment tas-sajd hekk kif ikun qed jipproċedi lejn port, u jista' jkun preżenti waqt l-ispezzjoni tal-bastiment tas-sajd fil-port.

6. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha dwar ir-riżultat tal-ispezzjoni bir-reqqa u l-miżuri li jkunu ħadu bħala riżultat tal-ksur.

7. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 34*

**Rappurtar u azzjoni ta' segwitu għall-każijiet ta' ksur**

1. Sal-15 ta' Frar kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha dwar l-istatus tal-proċedimenti rigward każijiet ta' ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' mmaniġġar adottati min-NEAFC li seħħew matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-każijiet ta' ksur għandhom jibqgħu jiġu elenkati fuq kull rapport sussegwenti sakemm il-proċediment jiġi konkluż f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tgħaddi dawn ir-rapporti lis-Segretarju tan-NEAFC qabel l-1 ta' Marzu tal-istess sena.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jindika l-istatus attwali tal-proċedimenti u b'mod partikolari jekk il-każ hux pendenti, qed jiġi appellat jew għadu qed jiġi investigat. Ir-rapport għandu jiddeskrivi kwalunkwe sanzjoni imposta f'termini speċifiċi, u jispeċifika b'mod partikolari il-livell tal-multi, il-valur tal-ħut u/jew tal-irkaptu kkonfiskat u kwalunkwe twissija bil-miktub li ngħatat u, jekk ma tkun ittieħdet l-ebda azzjoni, huwa għandu jiddikjara r-raġunijiet ta' dan.

*Artikolu 35*

**Trattament tar-rapporti ta' spezzjoni**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 77 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw flimkien u ma' Partijiet Kontraenti oħrajn sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri ġudizzjarji jew oħrajn, li joħorġu minn rapport ippreżentat minn spettur taħt l-Iskema, soġġett għar-regoli li jirregolaw l-ammissibbiltà tal-provi fis-sistemi nazzjonali, ġudizzjarji jew oħrajn.

*Artikolu 36*

**Rapporti dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jirrappurta lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, sal-15 ta' Frar kull sena għas-sena kalendarja ta' qabel dwar:

(a) l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa minnu skont l-Artikoli 19, 20 u 26 fejn jiġi speċifikat l-għadd ta' spezzjonijiet fuq il-bastimenti ta' kull Parti Kontraenti u, fejn tkun saret kontravvenzjoni, id-data u l-pożizzjoni tal-ispezzjoni tal-bastiment involut u n-natura tal-ksur;

(b) l-għadd ta' sigħat fl-ajru u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar minn operazzjonijiet tal-għassa tan-NEAFC, l-għadd ta' avvistamenti kemm ta' bastimenti ta' Partijiet Kontraenti kif ukoll ta' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti, u lista ta' bastimenti individwali li għalihom ġie kkompletat rapport ta' sorveljanza.

2. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tiġbor rapport tal-Unjoni abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri. Għandha tibgħat ir-rapport Komunitarju lis-Segretarju tan-NEAFC sal-1 ta' Marzu kull sena.

KAPITOLU VI

**MIŻURI GĦALL-PROMOZZJONI TAL-KONFORMITÀ MINN BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PARTIJIET MHUX KONTRAENTI**

*Artikolu 37*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti, użati jew li hemm ħsieb li jintużaw f'attivitajiet ta' sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

*Artikolu 38*

**Avvistamenti u identifikazzjonijiet ta' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu mingħajr dewmien lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, kwalunkwe informazzjoni rigward bastimenti ta' Partijiet Mhux Kontraenti avvistati jew identifikati bi kwalunkwe mezz ieħor bħala involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha tinforma minnufih lis-Segretarju tan-NEAFC u lill-Istati Membri l-oħra kollha dwar kull rapport ta' avvistament li tirċievi.

2. L-Istat Membru li jkun avvista l-bastiment ta' Parti mhux Kontraenti għandu jipprova jinforma minnufih lil dan il-bastiment dwar l-avvistament jew l-identifikazzjoni b'xi mezz ieħor tal-involviment tiegħu f'attivitajiet ta' sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni u b'konsegwenza jitqies, ħlief jekk l-Istat tal-bandiera tiegħu ma jkunx ingħata l-istatus ta' Parti mhux Kontraenti li tikkoopera min-NEAFC, li qiegħed jimmina l-miżuri ta' konservazzjoni u mmaniġġar tan-NEAFC.

3. Fil-każ ta' bastiment ta' Parti mhux Kontraenti avvistat jew identifikat b'xi mezz ieħor bħala involut f'attivitajiet ta' trażbord, il-preżunzjoni li qed jimmina l-miżuri ta' konservazzjoni u mmaniġġar tan-NEAFC għandha tapplika għal kwalunkwe bastiment ieħor ta' Parti Mhux Kontraenti li jkun ġie identifikat bħala involut f'attivitajiet tali ma' dak il-bastiment.

*Artikolu 39*

**Spezzjonijiet fuq il-baħar**

1. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom jitolbu permess biex jitilgħu abbord u jispezzjonaw bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti avvistati jew identifikati bi kwalunkwe mezz ieħor bħala involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni. Jekk il-kaptan jagħtihom kunsens biex jitilgħu abbord u jispezzjonaw il-bastiment, l-ispezzjoni għandha tiġi ddokumentata billi jiġi kkompletat rapport ta' spezzjoni kif jissemma fl-Artikolu 20(9).

2. L-ispetturi tan-NEAFC għandhom jittrażmettu kopja tar-rapport ta' spezzjoni mingħajr dewmien lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, lis-Segretarju tan-NEAFC u lill-kaptan tal-bastiment ta' Parti mhux Kontraenti. Fejn l-evidenza f'dak ir-rapport hekk titlob, l-Istat Membru jista' jieħu tali azzjoni kif xieraq skont il-liġi internazzjonali. L-Istati Membri huma mħeġġa jeżaminaw kemm ikunu xierqa l-miżuri domestiċi biex jeżerċitaw il-ġuridisdizzjoni fuq bastimenti bħal dawn.

3. Jekk il-kaptan ma jippermettix it-tluġh abbord u l-ispezzjoni tal-bastiment tiegħu jew ma jissodisfax xi wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 21(a) sa (d), dan il-bastiment jitqies li kien involut f'attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat ("attivitajiet IUU"). L-ispettur tan-NEAFC għandu jinforma lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha dwar dan mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha għandha imbgħad tinforma b'dan minnufih lis-Segretarju tan-NEAFC.

*Artikolu 40*

**Dħul fil-port**

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti jista' jidħol biss f'port iddeżinjat skont l-Artikolu 23. Il-kaptan li jkun beħsiebu jidħol f'port ta' Stat Membru għandu jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-port skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24. L-Istat Membru tal-port ikkonċernat għandu jibgħat din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment u lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha. Min-naħa tagħhom, il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha, għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC.

2. L-Istat Membru tal-port għandu jipprojbixxi d-dħul fil-portijiet tiegħu lil bastimenti li ma jkunux taw in-notifika minn qabel tad-dħul ġewwa port kif jissemma fl-Artikolu 24.

*Artikolu 41*

**Spezzjonijiet fil-port**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti kollha ta' Partijiet mhux Kontraenti li jidħlu f'wieħed mill-portijiet tagħhom jiġu spezzjonati. Il-bastiment ma għandux jitħalla jħott jew jittrażborda ħut sakemm titlesta l-ispezzjoni. Kull spezzjoni għandha tiġi ddokumentata billi jimtela rapport tal-ispezzjoni kif stipulat fl-Artikolu 27. Fejn il-kaptan tal-bastiment ikun naqas milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 21 (a) sa (d), il-bastiment jiġi preżunt li kien involut f'attivitajiet IUU.

2. Informazzjoni dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet kollha ta' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti mwettqa fil-portijiet tal-Istati Membri, u dwar l-azzjoni sussegwenti, għandha tiġi trażmessa minnufih lill-Kummissjoni, jew lill-entità nnominata-minnha, li għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC.

*Artikolu 42*

**Ħatt l-art u trażbord**

1. L-operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew trażbord jistgħu jibdew biss wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-port.

2. Il-ħatt l-art u t-trażbord minn bastiment ta' Parti mhux Kontraenti, li jkun ġie spezzjonat skont l-Artikolu 41, għandu jiġi pprojbit fil-portijiet u fl-ilmijiet tal-Istati Membri kollha jekk spezzjoni bħal din turi li l-bastiment għandu speċijiet abbord li huma soġġetti għal rakkomandazzjonijiet stabbiliti taħt il-Konvenzjoni, sakemm il-kaptan tal-bastiment ma jipprovdix evidenza sodisfaċenti għall-awtoritajiet kompetenti li biha jipprova li l-ħut inqabad barra ż-Żona Regolatorja jew f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti taħt il-Konvenzjoni.

3. Il-bastiment tas-sajd m'għandux jitħalla jħott jew ikun involut f'operazzjoni tat-trażbord jekk l-Istat tal-bandiera tal-bastiment, jew l-Istat(i) tal-bandiera tal-bastimenti donaturi, fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet tat-trażbord ma jipprovdix il-konferma msemmija fl-Artikolu 25.

4. Barra minn hekk, il-ħatt u t-trażbord għandu jkun ipprojbit jekk il-kaptan tal-bastiment ikun naqas milli jonora kwalunkwe wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 21 (a) sa (d).

*Artikolu 43*

**Rapporti dwar attivitajiet ta' Partjiet Mhux Kontraenti**

1. Kull Stat Membru għandu jirrappurta lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha, sal-15 ta' Frar kull sena għas-sena kalendarja ta' qabel dwar:

(a) L-għadd ta' spezzjonijiet ta' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li jwettqu taħt din l-Iskema, fuq il-baħar jew fil-portijiet tagħhom, l-ismijiet tal-bastimenti spezzjonati u l-istati tal-bandiera rispettivi tagħhom, id-dati tal-ispezzjonijiet u l-ismijiet tal-portijiet fejn twettqu l-ispezzjonijiet, u r-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet; u

(b) meta l-ħut jinħatt jew jiġi ttrażbordat wara spezzjoni f'konformità ma' din l-Iskema, l-evidenza pprovduta skont l-Artikolu 42.

2. Minbarra r-rapport ta' sorveljanza u l-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu fi kwalunkwe ħin iressqu quddiem il-Kummissjoni jew l-entità nnominata minnha, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun rilevanti għall-identifikazzjoni ta' bastimenti ta' Parti Mhux Kontraenti li jistgħu jkunu qed iwettqu attivitajiet IUU fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

3. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni jew l-entità nnominataminnha għandha tibgħat rapport globali dwar l-attivitajiet tal-Partijiet Mhux Kontraenti lis-Segretarju tan-NEAFC sal-1 ta' Marzu kull sena.

*Artikolu 44*

**Bastimenti involuti f'attivitajiet IUU**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti li jidhru fil-lista provviżorja ta' bastimenti involuti f'attivitajiet IUU stabbilita min-NEAFC (il-lista "A"):

(a) jiġu spezzjonati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41 meta jidħlu fil-portijiet tagħhom;

(b) mhumiex awtorizzati jħottu jew jittrażbordaw fil-portijiet tagħhom jew fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom;

(c) ma jingħatawx għajnuna minn bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' appoġġ, bastimenti li jfornu l-fjuwil, bastimenti omm u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera tagħhom, jew jitħallew jipparteċipaw f'xi operazzjoni ta' trażbord jew operazzjonijiet konġunti ta' sajd ma' dawn il-bastimenti;

(d) ma jiġux fornuti bi provvisti, karburant jew servizzi oħra.

2. Id-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1(b) u (d) m'għandhom jiġu applikati għall-ebda bastiment li jidher fil-lista "A" meta jkun ġie rrakkomandat lin-NEAFC li l-bastimenti ikkonċernat għandu jitneħħa mil-lista "A".

CHAPTER VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 45*

**Kunfidenzjalità**

1. Minbarra l-obbligi stipulati fl-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trattament konfidenzjali ta' rapporti u messaġġi elettroniċi trażmessi lejn u riċevuti mingħand is-Segretarjat tan-NEAFC skont l-Artikoli 11, 12 u 19(1).

2. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu determinati f'konformità mal-Artikolu 50(2).

*Artikolu 46*

**Delega ta' setgħat**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati f'konformita mal-Artikolu 47 u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 49 ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25, kif ukoll il-lista ta' riżorsi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 10(1) u regoli dettaljati dwar il-proċeduri ta' notifika u ta' kanċellazzjoni, inklużi perjodi, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(4).

2. Meta tadotta atti ddelegati bħal dawn, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 47*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 46 għandhom ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2011. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fir-rigward tas-setgħat iddelegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex f'konformita mal-Artikolu 48.

2. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat li tadotta atti ddelegati huma konferiti fuq il-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 48 u 49.

*Artikolu 48*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 46 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega ta' setgħat għandha tagħmel ħiltha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tieħu effett immedjatament jew f'data sussegwenti speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' atti ddelegati li diġà huma fis-seħħ. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 49*

**Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, malli jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjona għall-att iddelegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stipulata fih.

L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att iddelegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tistqarr ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.

*Artikolu 50*

**Implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat ta' Ġestjoni tas-Sajd u l-Akwakultura.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

*Artikolu 51*

**Proċeduri għall-emendi**

Sa fejn huwa meħtieġ, sabiex emendi għad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Iskema li jsiru obbligatorji għall-Unjoni jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament permezz ta' atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 47 u soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 48 u 49, dwar:

(a) il-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fis-sajd fiż-Żona Regolatorja kif imsemmi fl-Artikolu 5;

(b) it-tneħħija u d-disponiment tal-ikraptu fiss u l-irkupru ta' rkaptu mitluf kif imsemmi fl-Artikolu 6 u 7;

(c) l-użu tal-VMS kif imsemmi fl-Artikolu 11;

(d) il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC kif jingħad fl-Artikolu 12;

(e) rekwiżiti għall-ħżin separat u t-tikkettar tar-riżorsi tas-sajd iffriżati kif imsemmi fl-Artikoli 14 u 15;

(f) l-assenjazzjoni tal-ispetturi tan-NEAFC kif imsemmi fl-Artikolu 16;

(g) miżuri għall-promozzjoni tal-konformità mal-Iskema minn bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti taħt l-Kapitolu VI;

(h) il-lista ta' riżorsi regolati stipulata fl-Anness.

Meta tadotta atti ddelegati bħal dawn, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 52*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 2791/1999 huwa b'dan irrevokat.

*Artikolu 53*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Diċembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS*

**RIŻORSI REGOLATI**

A) **Speċijiet Pelaġiċi u Oċeaniċi**

| Stokk (isem komuni) | Kodiċi FAO | *Isem Xjentifiku* | Subżoni u diviżjonijiet tal-ICES |
|---|---|---|---|
| Redfish | REB | *Sebastes mentella* | I, II, V, XII, XIV |
| Aringi tan-Norveġja li Jorqoq fir-Rebbiegħa (Atlanto Scandian) | HER | *Clupea harengus* | I, II |
| Stokkafixx | WHB | *Micromesistius poutassou* | IIa, IVa, Vb, VI, VII, XII, XIV |
| Kavalli | MAC | *Scomber scombrus* | IIa, IV, V, VI, VII, XII |
| Haddock | HAD | *Melanogrammus aeglefinus* | VIb |

B) **Speċijiet tal-baħar fond**

| Stokk (isem komuni) | Kodiċi FAO | Isem Xjentifiku | Subżoni tal-ICES |
|---|---|---|---|
| Baird's smoothhead | BDM | *Alepocephalus bairdii* | I sa XIV |
| Risso's smoothhead | PHO | *Alepocephalus rostratus* | I sa XIV |
| Antimora blu (Marlozz blu) | ANT | *Antimora rostrata* | I sa XIV |
| Ċinturin iswed | BSF | *Aphanopus carbo* | I sa XIV |
| Iceland catshark | API | *Apristurus* spp. | I sa XIV |
| Arġentina | ARG | *Argentina silus* | I sa XIV |
| Alfonsinos | ALF | *Beryx* spp. | I sa XIV |
| Tusk | USK | *Brosme brosme* | I sa XIV |
| Żagħrun | GUP | *Centrophorus granulosus* | I sa XIV |
| Leafscale gulper shark | GUQ | *Centrophorus squamosus* | I sa XIV |
| Mazzola sewda | CFB | *Centroscyllium fabricii* | I sa XIV |
| Mazzola Portugiża | CYO | *Centroscymnus coelolepis* | I sa XIV |
| Longnose velvet dogfish | CYP | *Centroscymnus crepidater* | I sa XIV |
| Granċ aħmar tal-fond | KEF | *Chaceon (Geryon) affinis* | I sa XIV |
| Fenek tal-Baħar | CMO | *Chimaera monstrosa* | I sa XIV |
| Frilled shark | HXC | *Chlamydoselachus anguineus* | I sa XIV |
| Gringu | COE | *Conger conger* | I sa XIV |
| Roundnose grenadier | RNG | *Coryphaenoides rupestris* | I sa XIV |
| Murruna Sewda | SCK | *Dalatias licha* | I sa XIV |
| Mazzola (Birdbeak dogfish) | DCA | *Deania calceus* | I sa XIV |

| Stokk (isem komuni) | Kodiċi FAO | Isem Xjentifiku | Subżoni tal-ICES |
|---|---|---|---|
| Black cardinal fish (tal-fond) | EPI | *Epigonus telescopus* | I sa XIV |
| Mazzola kbira tal-fanal | SHL | *Etmopterus princeps* | I sa XIV |
| Mazzola tal-Fanal | SHL | *Etmopterus spinax* | I sa XIV |
| Gattarell ħalqu iswed | SHO | *Galeus melastomus* | I sa XIV |
| Mouse catshark | GAM | *Galeus murinus* | I sa XIV |
| Ċippullazza tal-għajn | BRF | *Helicolenus dactylopterus* | I sa XIV |
| Murruna b'sitt garġi | SBL | *Hexanchus griseus* | I sa XIV |
| Orange roughy | ORY | *Hoplostethus atlanticus* | I sa XIV |
| Ġurdien tal-warda | HPR | *Hoplostethus mediterraneus* | I sa XIV |
| Large-eyed rabbit fish (Ratfish) | CYH | *Hydrolagus mirabilis* | I sa XIV |
| Xabla | SFS | *Trichiuridae* | I sa XIV |
| Eelpout | ELP | *Lycodes esmarkii* | I sa XIV |
| Roughhead Grenadier | RHG | *Macrourus berglax* | I sa XIV |
| Linarda | BLI | *Molva dypterygia* | I sa XIV |
| Lipp | LIN | *Molva molva* | I sa XIV |
| Marlozz tal-fond | RIB | *Mora moro* | I sa XIV |
| Sailfin roughshark (Sharpback shark) | OXN | *Oxynotus paradoxus* | I sa XIV |
| Bażuga | SBR | *Pagellus bogaraveo* | I sa XIV |
| Lipp tal-qawwi | GFB | *Phycis* spp. | I sa XIV |
| Ħanżir tal-fond | WRF | *Polyprion americanus* | I sa XIV |
| Rebekkin tond | RJY | *Raja fyllae* | I sa XIV |
| Rebekkin tal-Artiku | RJG | *Raja hyperborea* | I sa XIV |
| Rebekkin tan-Norveġja | JAD | *Raja nidarosiensis* | I sa XIV |
| Ħalibatt ta' Greenland | GHL | *Rheinhardtius hippoglossoides* | I sa XIV |
| Straightnose rabbitfish | RCT | *Rhinochimaera atlantica* | I sa XIV |
| Knifetooth dogfish | SYR | *Scymnodon ringens* | I sa XIV |
| Small redfish (Norway haddock) | SFV | *Sebastes viviparus* | I sa XIV |
| Greenland shark | GSK | *Somniosus microcephalus* | I sa XIV |
| Spiny (Deep-sea) Scorpionfish | TJX | *Trachyscorpia cristulata* | I sa XIV |

*Appendiċi*

Stqarrijiet dwar l-Artikolu 51

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li kwalunkwe dispożizzjoni ta' karattru mhux essenzjali tal-att leġislattiv bażiku, li issa huma elenkati fl-*Artikolu 51* tar-Regolament (delega ta' setgħat), tista' fi kwalunkwe waqt fil-ġejjieni ssir element sinifikanti tal-iskema ta' kontroll eżistenti tan-NEAFC minn perspettiva politika, f'liema każ il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li kwalunkwe wieħed miż-żewġ leġiżlaturi, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew, jista' minnufih jeżerċita jew id-dritt ta' oġġezzjoni għal abbozz ta' att iddelegat tal-Kummissjoni jew id-dritt ta' revoka tas-setgħat iddelegati kif stipulat fl-Artikolu 48 u l-Artikolu 49 tar-Regolament rispettivament."

"Il-Kunsill u l-Parlament jaqblu li l-inklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-iskema ta' kontroll tan-NEAFC f'dan ir-Regolament bħala element mhux essenzjali, issa elenkata taħt l-Artikolu 51, ma timplikax per se li t-tali dispożizzjoni awtomatikament se titqies bħala ta' natura mhux essenzjali mil-leġiżlaturi fi kwalunkwe Regolament tal-ġejjieni."

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet rigward l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 TFUE jew għal atti leġislattivi individwali li jkun fihom tali dispożizzjonijiet."